MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1466/2002/1

***Associated Supplies Limited***

***vs***

***Nicodemo Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm245) rappresentanti l-bilanc tal-prezz ta' airconditioning unit mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Dicembru 2001, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2002, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' l-ahhar pagament u

cioe’ mit-2 ta’ Marzu 2001 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Joseph Aquilina, rappresentant tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm245), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta’ Marzu 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-21 ta’ Dicembru 2001 u ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**